MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2007

Numru. 581/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Borg)**

**Vs**

**Carmel Azzopardi ta' 30 sena bin Saviour u Maria nee' Concetta,**
**imwieled Pieta`, fil-31 ta' Awissu, 1975 u residenti 40, St. Helen F/H Ghargur Street, Birkirkara, detentur tal-karta ta'l-identita' 437575(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-hawn fuq imsemmi Carmel Azzopardi u cjoe` talli fil-perijodu bejn l-1 ta' Ottubru, 2001 u l-31 ta' Dicembru, 2002, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda,

B'mezzi kontra il-Ligi, jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi urejt haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh b'qerq ta' aktar minn Lm1,000.00 ghad-dannu ta' A. Sciberras detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 482660(M) u diversi persuni;

(Dan bi ksur ta' L-Artikoli 18, 308, u 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkustanzi xjentament ilqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistajt b'reat, u xjentament b'kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom.
(Dan bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Nakkuzah ukoll talli irrenda ruhhu recediv b'diversi sentenzi mghotija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datati: 17 ta' Gunju 2002 u 11 ta' Lulju, 2002 liema sentenzi saru defeittivi u ma jisthux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-dokumenti esebieti;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat.

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli lill-imputat sabiex jikkonsidra l-ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat,

Illi fuq ammissjoni ta’ l-imputat Carmel Azzopardi, il-Qorti issib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat l-artikoli 18, 308, 309, 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qieghda tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni illi huwa ma jikkomettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qieghda tinfliggi dina l-piena wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta’ l-imputat fi stadju bikri tal-proceduri, kif ukoll wara li hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi kolha tal-kaz inkluz il-fatt illi l-imputat illum hallas lill-parti leza d-danni lilhom ikkagjonati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------